**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Frar 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 86/17 JZM**

**L-Onor. Dr. Simon Busuttil**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

***u***

**b`sentenza tat-30 ta` Novembru 2017 gew kjamati fil-kawza l-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat, l-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi, Keith Schembri, Malcolm Scerri, Adrian Hillman, Brian Tonna u Karl Cini**

**Dan huwa provvediment fejn, wara rilievi u/jew opposizzjoni li ghamlu l-intimat u whud mill-kjamati fil-kawza, il-Qorti sejra tipprovdi dwar ir-rilevanza u/jew ammissibilita` u/jew il-kwalita` tal-provi li ressaq ir-rikorrent bid-dokumenti markati C, D, E, F, H, I, J, K, L u N li**

**kienu annessi ma` nota li pprezenta fit-12 ta` Jannar 2018 a fol 65 et seq tal-process.**

## I. Preliminari

Fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2018, il-kawza thalliet ghall-provi tar-rikorrent ghas-16 ta` Jannar 2018 (fol 63 u 64).

Qabel l-udjenza, precizament fit-12 ta` Jannar 2018, ir-rikorrent ipprezenta nota b`erbatax (14)–il dokument markati minn Dok A sa Dok N (fol 65 et seq).

Fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2018, Av. Victoria Buttigieg mill-Ufficcju tal-Avukat Generali u l-Prof Ian Refalo, difensur tal-kjamat fil-kawza Adrian Hillman, ghamlu verbal.

Dr Buttigieg, wara li hadet konjizzjoni tan-nota li pprezenta r-rikorrent irregistrat l-opposizzjoni taghha fuq bazi ta` ammissibilita` l-presentata tad-Dok. J, K u L.

Prof Refalo rrileva :-

*Ghar-rigward tad-dokument J jitlob assikurazzjoni illi d-dokument esebiti jirrifletti mill-bidu sal-ahhar it-trattazzjoni kollha li saret quddiem l-Onor. Imhallef Antonio Mizzi. Ghar-rigward ta` kull dokument iehor fejn kien esebit estratt ta` xi gurnal jew media socjali jew xorta ohra, dak id-dokument ghandu jikkostitwixxi prova biss tal-pubblikazzjoni mhux tal-kontenut, u allura l-kontenut allegat ghandu jigi ppruvat.*

Fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2018 saru verbali ohra.

*Dr. Mark Vassallo* (difensur tal-kjamati fil-kawza Keith Schembri u Malcolm Schembri) *jiddikjara illi fir-rigward tad-dokumenti J, K u L l-assistiti tieghu jirrilevaw li t-tlieta li huma mhumiex rilevanti ghall-fini tal-procediment in kwistjoni. Inoltre jiddikjaraw illi mhumiex ammissibbli u dan peress li jaghmlu parti minn inkjesta magisterjali li hija koperta mis-segretezza. Ghalhekk jitlob l-isfilz tad-dokumenti J, K u L li kienu annessi man-nota tar-rikorrent a fol 65 et seq tal-process.*

Ghal dan il-verbal kien hemm l-adezjoni tal-kjamati fil-kawza Onorevoli Ministru Konrad Mizzi u Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat, tramite r-rispettivi difensuri.

Dr Jason Azzopardi ghar-rikorrent wiegeb kif gej :-

*… jirrileva illi t-talbiet li ghadhom kif saru jirrapprezentaw kliem fieragh ghas-segwnti ragunijiet : Huwa ben ovvju li t-talbiet jistriehu fuq konfuzjoni ta` ammissibilita` u rilevanza ta` dokumenti senjatament Dok J li huwa essenjzlai ghar-rikorrent minhabba illi fil-pagna 8 ta` dik it-traskrizzjoni l-Imhallef sedenti ddikjara ghal iktar minn darba in open court illi argument li kien ressaq ir-rikorrent ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti kienet taghtih fastidju kbir u rega` tenna fastidju kbir u allura huwa ben ovvju li dan huwa kaz fejn ir-rikorrent in vista tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghandu dritt jirrileva in-nuqqas tal-imparzjalita` soggettiva tal-Imhallef sedenti. Ghar-rigward ta` Dok K u L huma mhux biss ammissibbli u rilevanti ghaliex permezz taghhom ir-rikorrent qed juri li fil-fatt huwa ghandu u jigi rikonoxxjut illi ghandu mill-Qorti tal-Magistrati interess guridiku u ghalhekk essenzjali biex tigi milqugha eccezzjoni ewlenija tal-intimati. Ghar-rigward tas-sottomissjoni illi ressaq il-konsulent legali ta` Adrian Hillman. Id-dokument trar-rappurtragg ta` x`qalet fil-Parlament Ewropew mart l-Imhallef Mizzi propju fuq is-suggett mertu tar-rikors promotur hawn esebit bhala Dok A huwa altru milli essenzjali stante li l-gebla tax-xewka tal-argument kollu tar-rikorrent f`din il-kawza hija l-ksur lampanti tal-massima legali illi l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir ; ghaldaqstant jigi sottomess bil-qima illi l-estratti tar-rappurtagg ta` x`qalet l-MEP Marlene Mizzi mart l-Imhallef sedenti propju fuq is-suggett li dwaru appellaw l-intimati huwa l-prova ta` dak illi ml-pubbliku fehem, qara, u ra, u allura intimament marbut mal-percezzjoni li l-gustizzja f`dan il-kaz ma tistax tidher li qeghda ssir.*

Il-kwistjoni thalliet ghall-provvediment ghal-lum.

## II. Konsiderazzjonijiet

### 1. Id-dokumenti markati C, D, E, F, H, I, u N

Dawn id-dokumenti ghandhom fattur komuni li jiddistingwihom mill-ohrajn li pprezenta r-rikorrent. Huma lkoll estratti minn gurnali u minn medja socjali ohra dwar dak li kien rappurtat li qalet il-Membru Parlamentari Ewropew l-Onor. Marlene Mizzi, il-mara tal-Onor. Imhallef Antonio Mizzi, dwar il-kwistjoni li pprecediet il-presentata tar-rikors mir-rikorrent quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Ian Farrugia.

Il-kontestazzjoni li ghamel il-kjamat fil-kawza Adrian Hillman fir-rigward ta` dawn id-dokumenti partikolari hija li dawn jikkostitwixxu prova tal-pubblikazzjoni **mhux** tal-kontenut.

Min-naha tieghu, ir-rikorrent jikkontendi illi l-estratti huma prova ta` dak li fehem il-pubbliku li ntqal mill-Onor. Marlene Mizzi u allura jorbot mal-percezzjoni li l-gustizzja fil-kaz ma tista` qatt tidher li qeghda ssir.

**Il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni li ha l-kjamat fil-kawza Adrian Hillman dwar id-dokumenti fuq riferiti.**

Anke fi procedimenti kostituzzjonali bhal dan tal-lum, il-kwalita` tal-prova li titressaq hija regolata wkoll minn dak li jghid il-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta dwar il-provi.

Il-Qorti tirreferi partikolarment :-

ghall-**Art 558 tal-Kap 12** li jghid :-

*Kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet.*

ghall-**Art 559 tal-Kap 12** li jghid :-

***Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li parti tista` ggib.***

ghall-**Art 560(1) tal-Kap 12** li jghid :-

***Il-qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija zejda jew li jidhrilha li mhix l-ahjar prova li l-parti tista` ggib.***

Il-ligi titkellem car.

L-ahjar prova ma tistax tkun kostitwita b`dak li kien rappurtat fil-gurnali u fil-medja socjali li qalet l-Onor. Marlene Mizzi.

Il-kawzi jigu decizi fuq **l-ahjar** provi.

Ma jigux decizi abbazi ta` kwalsiasi prova li tingieb quddiem il-Qorti, tkun xi tkun, minghajr kriterju ta` xejn.

Dwar il-kontenut ta` dak li kien rappurtat fil-gurnali u fil-medja socjali, kif rifless fid-dokumenti citati, il-Qorti tqis li r-rikorrent mhuwiex sprovvist milli jipproduci l-ahjar prova.

**Jekk ir-rikorrent jikkontendi li dak li kien mistqarr mill-Onor. Marlene Mizzi jikkostitwixxi ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, allura ghandu jgib l-ahjar prova ta` dak li nghad. Xejn ma jzomm lir-rikorrent milli jipproduci bhala xhud lill-Onor. Marlene Mizzi stess sabiex tikkonferma jew tichad dak li kien rappurtat li qalet fil-gurnali u fil-medja socjali.**

**Ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-Art 559 u tal-Art 560(1) tal-Kap 12 (*supra*), il-Qorti tiddikjara li mhijiex sejra tqis id-dokumenti markati C, D, E, F, H, I, u N bhala l-prova tal-kontenut tal-istess.**

**2. Id-dokumenti J, K u L**

Diversa hija l-kwistjoni fejn jirrigwarda d-dokumenti J, K, u L.

Tixref mill-ewwel il-kwistjoni, dibattuta spiss fil-gurisprudenza, tad-differenza bejn ir-rilevanza ta` prova u l-ammissibilita` ta` prova.

L-ammissibilita` tirreferi *alle condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio* (**Kollez. Vol. XIX.IV.9**) jew *alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso* (**Kollez. Vol. XXVII.IV.595**).

Fejn tidhol ir-rilevanza ta` prova *ut sic* din hija materja li l-ligi thalli ghall-apprezzament tal-gudikant fil-kompetenza tieghu ; ghalhekk l-Art 558 tal-Kap 12 (*supra*).

**Dan premess, il-Qorti tqis bhala ammissibbli d-Dok J.**

Bejn l-udjenzi tas-16 ta` Jannar 2018 u tat-13 ta` Frar 2018, l-intimat u l-kjamati fil-kawza kellhom kull opportunita` jivverifikaw jekk Dok J huwiex it-traskrizzjoni shiha tat-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imhallef Antonio Mizzi.

Fl-assenza ta` kontestazzjoni, il-Qorti sejra tqis illi fid-Dok J hemm riportat kull ma nghad waqt it-trattazzjoni.

Tqis il-prova bhala ammissibbli ghaliex ma hemm xejn fil-ligi li jippreкludi l-presentata taghha bhala prova.

Fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2018, id-difensur tar-rikorrent ippreciza x`kien l-oggett tal-prova li ried jikseb ir-rikorrent bid-Dok J.

Il-Qorti ma tistax teskludi *a priori* li Dok J ma jissoddisfax ukoll ir-rekwizit tar-rilevanza, tenut kont tal-*facts in issue.*

Dan tghidu mhux daqstant ghall-<u>mertu</u> tat-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti Kriminali izda ghall-fini tal-prova li jrid jaghmel ir-rikorrent fil-kuntest tal-azzjoni prezenti dwar kliem illi stqarr l-Imhallef sedenti fil-kors tat-trattazzjoni.

Tkunx dik il-prova bizzejjed biex issostni dak pretiz mir-rikorrent, jew addirittura tkunx dik il-prova meqjusa finalment bhala rrilevanti, hija materja li tkun trid titqies mill-Qorti fil-waqt opportun **(<u>certament mhux issa</u>)** wara li tkun semghet u gabret il-provi kollha.

**<u>Ghar-rigward tad-Dok K u L</u>**, l-intimat ikkontesta l-ammissibilita` tal-istess bla ma kien specifiku, mentri whud mill-kjamati fil-kawza, apparti fuq kwistjoni ta` rilevanza, ikkontestaw l-ammissibilita` taghhom fuq bazi ta` segretezza ghaliex isostnu li jaghmlu parti minn inkjesta magisterjali.

Fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2018, id-difensur tar-rikorrent fisser ir-ragunijiet tar-rikorrent ghalfejn jehtieg dawk iz-zewg dokumenti bhala prova, essenzjalment il-prova tal-interess guridiku tieghu sabiex jistitwixxi l-azzjoni odjerna.

Il-Qorti rat iz-zewg dokumenti.

Dwar l-aspett tal-ammissibilita`, il-Qorti rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta li jirregolaw l-*in genere.*

**Mhijiex kondiviza l-posizzjoni li hadu l-kjamati fil-kawza koncernati li dawk iz-zewg dokumenti ma jistghux jikkostitwixxu prova ghaliex huma inammissibbli billi jaghmlu parti minn inkjesta magisterjali.**

Bhala fatt iz-zewg dokumenti huma zewg digrieti li nghataw fl-4 ta` Mejju 2017 u fit-23 ta` Mejju 2017 mill-Magistrat Inkwirenti Dr Aaron Bugeja.

Il-presentata ta` dawn iz-zewg dokumenti mhijiex projbita bid-disposizzjonijiet tal-Kap 9 tal-Kap 12.

Fid-decizjoni li tat fit-13 ta Jannar 1997 fil-kawza "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Emanuel Farrugia et**" il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk :-

*Fis-sistema taghna ma hemm assolutament xejn x`jipprekludi li atti processwali rigwardanti terzi jidhlu fl-atti processwali ta` persuna ohra purche` dawk l-atti jkunu relevanti u ta` utilita` ghall-process li jkunu dejjem fil-parametri tal-ligi.*

Il-kwistjoni tas-segretezza sollevata mill-kjamati fil-kawza koncernati ma tregix tant illi r-rikorrent kiseb kopja legali taz-zewg digrieti minghajr xkiel ; u ghaliex kienu ghad-disposizzjoni tieghu, ipprezentahom bhala prova fil-kawza tal-lum.

Tqis illi Dok K u L jistghu ikunu rilevanti ghall-fini tal-prova tal-interess guridiku tar-rikorrent. Humiex dawk iz-zewg dokumenti sejrin ikunu bizzejjed biex jaghmlu l-prova li trid il-ligi, huwa prematur li jinghad fl-istadju attwali tal-procediment.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda :-**

**Fl-ewwel lok, tiddikjara illi fl-istat attwali ta` dan il-procediment mhijiex sejra tqis id-dokumenti markati C, D, E, F, H, I, u N esebiti man-**

**nota li pprezenta r-rikorrent fit-12 ta` Jannar 2018 (fol 65 et seq) bhala l-ahjar prova tal-kontenut ghar-rigward ta` dak li allegatament kien mistqarr jew dikjarat mill-Onor. Marlene Mizzi, izda sejra tqis biss dawk id-dokumenti bhala prova tal-pubblikazzjoni.**

**Fit-tieni lok, tiddikjara li huma ammissibbli bhala prova d-dokumenti markati J, K, u L esebiti mal-istess nota li pprezenta r-rikorrent fit-12 ta` Jannar 2018.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**